MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 5/2009

**Maria Victoria Zammit**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' April, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-dipartiment tal-5 ta' Gunju 2008 li permezz taghha giet michuda t-talba ta' Maria Victoria Zammit ghall-Ghajnuna Socjali peress li ma kienx sodisfatt li kienet tifforma familja ghal rasha; ra wkoll id-Decizjoni l-ohra tal-10 ta' Gunju 2008 li biha giet ukoll michuda it-talba taghha ghall-Allowance Supplimentari, ghall-istess raguni.

> Ra l-appell minnha presentat u li dahal fit-2 ta' Lulju 2008.
>
> Dawn id-decizjonijiet ittiehdu wara *inspection* li nzammet mid-Direttorat tal-Frodi; ghalhekk fl-ewwel seduta deher l-Inspector li qara u ppresenta r-rapport dettaljat u spjegattiv tieghu. Dwar dan saru mistoqsijiet miz-zewg nahat u ma rrizulta ebda disgwid fil-versjonijiet ta' dak li kien gara hlief ghal bidu, meta kienet wiegbet minn fuq, u setghet inftiehmet li ma qaltilhomx min kienet; dan in-nuqqas ta' qbil x'aktarx kien gara peress li hemm diversi qniepel fil-flats.
>
> L-*inspectors* kienu marru xi ftit granet qabel u ma rrisponda hadd; izda f'din it-tieni darba hargu d-dettalji kollha rilevanti, cioe' li l-*partner* taghha kien spiss jorqod fid-dar taghha; dehret ukoll omm dan il-*partner* li tat versjoni ferm kredibbli tar-relazjoni bejn binha u l-appellanti u kif minhabba li hija kienet biddlet id-dar tar-residenza taghhom kien hemm registrazzjoni differenti fl-*identity card.* Barra minn dan, l-appellanti esebiet ukoll dokument li juri l-kwistjoni li kellha ma' tat-*telephone* minhabba kont mhux imhallas, u ghalhekk ma setghetx izzomm numru f'isimha.
>
> Wara li fela d-dokumenti u sema' lix-xhieda imsemmija, l-Arbitru huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi, id-decizjonijiet msemmija ma kienux gustifikati u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh.**"**

Appella minn din is-sentenza d-Direttur tas-Sigurta` Socjali. Huwa jissottometti b'aggravju illi ma kienx jikkondividi l-gudizzju ta' l-Arbitru ghaliex, fil-fehma tieghu, bis-senjalazzjonijiet li jaghmel ghal certi fatti, id-decizjoni tieghu li jwaqqaf l-ghajnuna lill-appellata kellha tigi konfermata, u mhux bil-kontra;

Ghas-sostenn ta’ dan l-aggravju tieghu d-Direttur jirrikorri ghar-Rapport Investigattiv redatt mill-Ispettorat fi hdanu biex minnu jislet dawk l-elementi indizzjarji li jsahhu l-fehma tieghu illi l-appellata u l-*partner* taghha Joseph Sammut Alessi kienu effettivament qeghdin jikkoabitaw flimkien bhala familja u, konsegwentement, l-istess appellata ma setghetx titqies “kap tal-familja” fis-sens tal-ligi;

Hi presunzjoni tal-ligi kif tinzel mid-definizzjoni ta’ l-espressjoni “kap ta’ familja” fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 illi fejn zewg persuni jkunu qed jghixu flimkien bhala familja, il-kap ta’ din il-familja hu dak skond l-“opinjoni tad-Direttur”. Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod taghmel konsiderazzjonijiet fit-tul anke ghaliex fuq din il-materja l-Qorti okkupat ruhha bosta drabi fi skorta ta’ decizjonijiet taghha;

Maghdud dan, xorta wahda jidhrilha opportun illi, b’mod konciz hafna, ittenni dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Il-presunzjoni ghal liema tirreferi l-ligi fil-predett Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 hi wahda relativa jew *juris tantum*, u mhux wahda assoluta jew *jure et de jure*. Ghall-aktar approfondiment fuq il-punt ara d-decizjoni ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Emma Anderson -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 20 ta’ Frar, 2008;

(2) Li kieku kien differentement, dik il-presunzjoni, hekk dixxendenti mis-setgha formativa u diskrezzjonali tad-Direttur, ma tkunx tista’ tigi ribattuta, li mhux il-kaz, gjaladarba hi l-istess ligi li tahseb u tipprovdi ghad-dritt ta’ appell mid-decizjoni lill-Arbitru. Ara “**Riccarda Cini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 7 ta’ Frar, 2007;

(3) Jiddixxendi, imbaghad, minn numru kospikwu ta’ sentenzi illi skond l-ordinament guridiku taghna, il-valutazzjoni tal-provi hu rimess ghal liberu konvinciment ta’ min hu msejjah biex jiggudika. F’dan il-kuntest ma tezisti ebda gerarkija ta’ l-effikacja ta’ prova fuq ohra u r-

rizultanzi probatorji, ukoll dawk b'kontenut indizzjarju, huma lkoll valutabbli mill-gudikant b'mod unitarju ghall-iskop tar-raggungiment tal-konvinciment tieghu. Ara "**Shirley Xuereb -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 22 ta' Novembru, 2006;

Ri-affermat dan, il-kwestjoni in ezami hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valutazzjoni u mill-kredibilita li tinghata lill-provi sottomessi. Ta' min ifakkar hawn, b'ripetizzjoni, illi "fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja" (ara "**Joseph Borg *et* -vs- Joseph A. Bartolo**", Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 1980). Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu;

Fil-kaz odjern, sew mill-komparizzjoni tal-versjonijiet, u dak tal-kriterju generali tac-certezza morali, l-Arbitru ddetermina illi l-ispjegazzjoni lilu fornita minn omm il-*partner* ta' l-appellata kienet, fic-cikostanzi kollha, verosimili, attendibbli u sodisfacenti. Huwa veru illi l-konkluzjoni li tinzel mill-ezami tar-rapport ta' l-Ispettorat tista' ghall-bidu thalli toghma illi dak rakkontat mill-appellata u mill-*partner* taghha, b'dik l-insistenza illi l-*partner* ma kienx jirrisjedi permanentement fil-fond u lanqas ma kien imantniha, ma kienx ghal kollox fededenju. Mill-banda l-ohra, lanqas ma jista' jinghad illi l-Arbitru ghamel uzu hazin tad-diskrezzjonalita` vestita fih mill-ligi jew li affronta l-provi jew il-principji ta' dritt applikabbli minn xi koncett zbaljat jew attitudni errata. Huwa hassu konvint illi, fil-kumpless, ma kellux jisktarta x-xhieda prodotta mill-appellata u kien perswaz ukoll, skond it-test tal-verosimiljanza, illi kellu jiffavvorixxi aktar lill-versjoni taghha;

Kif inhu sew maghruf skond gurisprudenza pacifika mhux ghal din il-Qorti li tissindika dik il-valutazzjoni ta' l-Arbitru

sakemm din ma tirrizultax illogika jew inkoerenti ma’ l-elementi tal-provi utilizzati, li hawnhekk, kollox ma’ kollox, ma jidherx li hu l-kaz.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------